## Kont Waħdi

Kont waħdi
Meta l-kesħa mielha tal-baħar
ħadet magħha l-passi
li ħallejt jien.

Bqajt miexja,
U mxejt sa tarf il-bajja
Imma bħal f'mera l-qamar urieni
Li bħal zokkor fin imraxxax fl-ilma jbaqbaq
Il-passi tiegħi għosfru fix-xejn.

Ħaffift il-pass,
u bħal tifel żgħir ġrejt fir-ramel b'ras iebsa.
Imma l-baħar, bħall-majjistral li jqaċċat il-petali tal-lellux frisk,
Isawwat il-medda dehbija
U jneżżagħha minn kull tiġrib.

Tlaqt mill-bajja, imma ma tlaqtx waħdi
Għax il-passi baqgħu miegħi.

***Suzanne Gatt***
(Studenta universitarja, it-2ni sena Malti)

## Imħabbti

Jien nibkik,
B'qalbi maqsuma,
Nofsha fi griżmejja
U l-ieħor f'għajnejja,
Waqt li jqattru
Qtar tal-ħġieġ
Li jaqgħu ma' l-art
Bħal muniti tal-fidda
U jinfaqgħu bħal bettieħa
Mimlija żerriegħa.

Daqs sperma ġrejt jien
Biex nasal l-ewwel
ħalli nkattar.



Bħall-ewwel astronawta
Int deffist il-bandiera
Ta' pajjiżek ġo qalbi

U issa jien bħal utru vojt
Mudlam u kiesaħ,
Inixxi d-demm, wara korriment,
Qed inħossni.

Nathalie Micallef
(Studenta universitarja, it-3et sena Malti)

## Xi Ġralek, Ma?

Għaliex ma tridx illejla tilgħab miegħi,
u lanqas m'int tħallini nersaq lejk?
Xi ġralek, ma? Għajnejk qegħdin jiħmaru
u d-dmugħ qiegħed iqattar ma' ħaddejk.

Mamà, għaliex illejla
Ma trid tkellmni xej',
U bqajt hemmhekk fit-tieqa
Tistenna l-ħin għaddej?

Is-soltu tgħidli storja
Li ma jkun jafha ħadd,
U tant tkun storja twila
Li ma tispiċċa qatt...

Mamà, mamà, is-soltu,
Is-soltu mhux bħal-lum.
Is-soltu żżommni f'ħoġrok
Bla ma tħallini nqum.

Is-soltu kull ġurnata,
Kif tgħid int stess, ittir.
Illejla m'hemmx li jidlam
U m'hemmx li l-ħin isir.
Illejla, ma, xi ġralek?